**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 11/2025 ALAB

vs

CD

(M.R. Numru /2022)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Ili l-Partijiet iżżewġu nhar il-Ħamsa u Għoxrin ta' Ġunju tas-sena Elfejn Tnejn u Għoxrin (25/6/2022) ġewwa s-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni, l-Qala, Għawdex (kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK. A');

1. Illi minn qabel iż-żwieġ tnissel il-Minuri xx imwieled Cefai, li ġie imwieled proprju nhar is-sebgħa u Għoxrin ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Ħmistax (27/06/2015) (Kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieg qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.B');

2. Illi l-Partijiet ilhom separati *de facto* separati *de facto* minn Jannar tas-sena Elfejn Erbgħa u Għoxrin (2024) filwaqt li ilhom separati *de jure* permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat il-Ħamsa u Għoxrin ta' Lulju tas-sena Elfejn Erbgħa u Għoxrin (25/07/2024), li ġie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u li jinsab fl-Atti tan-Nutar Dr Francesca Micallef Sammut (Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.C');

**3. Illi għaldaqstant, m'hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il- Partijiet stante illi huma għandhom ħajja kompletament separata minn xulxin;**

**4. Illi l-Partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u llum il-ġurnata għandhom il-ħajja tagħhom u għaldaqstant, ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni;**

**5. Illi m'hemm ebda manteniment dovut;**

**6. Illi l-Mara tixtieq li tibqa b'kunjomha xebba u ċioe' Cefai;**

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (KAP.16) tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi ma' dan ir-Rikors, qed jiġi anness l-Affidavit tal-esponenti nfisha (Affidavit qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.D');

**Għaldaqstant, u in vista *tas-suespost*, l-Esponenti umilment qed jitolbu bir-rispett lil din l- Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar il-Ħamsa u Għoxrin ta' Ġunju tas-sena Elfejn Tnejn u Għoxrin (25/6/2022) ġewwa s-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni, l- Qala, Għawdex;

**2. Tawtorizza lill-Mara sabiex tibqa b'kunjomha xebba u ċioe' Cefai;**

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Jannar 2025;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat it-talba tar-rikorrenti sabiex tirreverti għall-kunjom tagħha ta' xebba ossija "Cefai". Il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de* facto separati minn Jannar 2024 u legalment separati mill-25 ta' Lulju 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Cefai", tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti meħtiega f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;